# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Hamis, 20 ta' Dicembru, 2018**

**Rikors Numru 1190/2018TA**

**Fl-Atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1927/18 fl-ismijiet:-**

**Matthew Charles Costigan (ID. 219987 (M)) u martu Maria Costigan (ID. 104727 (A))**

**vs**

**Western Co. Limited (C 19994)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tas-Socjeta' esponenti tad-29 ta' Novembru 2018;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Dicembru 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konjugi Costigan;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Dicembru, 2018;

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

L-episodju li ghandha quddiemha din il-Qorti, gie provokat mir-Rikors tas-Socjeta' Attrici fejn qed titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru, li fl-atti tieghu sar ir-rikors odjern. Din ir-revoka qed tintalab bis-sahha ta' dak li jipprovdi l-artiklu 863(1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. L-esponenti konjugi Costigan talbu l-hrug tal-imsemmi mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' disgha u disghin elf ewro (€99,000) in kawtela tal-pretensjonijiet minnhom avvanzati fil-kontro-talba ghall-Kawza fl-istess ismijiet numru 1040/2018TA. Din hija kawza li s-Socjeta' Attrici presentat kontra l-konjugi Costigan, abbazi ta' pretensjonijiet li jitnisslu mill-iskrittura ta' bejn il-partijiet li tinsab esebita f'dawn l-atti bhala Dok W1 (a` fol 14).

Meta l-Qrati jigu aditi sabiex jiehdu konjizzjoni ta' rikors simili bhal dak li ghandha quddiemha din il-Qorti, safejn jirrigwarda l-applikazzjoni tal-artiklu inkwistjoni, il-principju bazilari li ghandu jiggwidahom huwa dak li konstantament dejjem gie enuncjat gurisprudenzjalment. Fi ftit kliem, dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss li tezamina *prima facie* jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan

indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. (ara **Decizjonijiet fl-ismijiet P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001 u Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd, P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001** u **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et tad-29 ta' Novembru 2001 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace.** ).

B'dan it-taghlim f'mohh din il-Qorti, gew osservati s-segwenti punti. Permezz tal-mandat inkwistjoni, il-konjugi Costigan, sa fejn jirrigwarda l-ammont li qeghdin jikkawtelaw, sebgha u ghoxrin elf ewro (€27,000) minnhom huma valur ta' stock li ghadu fil-pussess tal-istess konjugi Costigan. Minn dak li fehmet il-Qorti, parti minn dan l-istock diga' inbiegh u ghadu qed jinbiegh. Di piu', il-hanut mertu tal-iskrittura fuq imsemmija u cioe` ta' Paris Store, Triq Cesalpina, Ta' Paris B'Kara ghadu fil-pussess u gestit mill-Konjugi Costigan bil-beneficcji li dan il-fatt igib mieghu. Kwantu jirrigwarda d-danni per se`, meno l-valur tal-istock, fis-seduta tas-17 ta' Dicembru, 2018 il-konvenut Matthew Costigan waqt ix-xhieda tieghu kien pjuttost neboluz. B'dana ma jfissirx li ma ghandux prima facie pretensjonijiet f'dan ir-rigward.

Ghal skopijiet ta' konsiderazzjonijiet biss ta' dan ir-rikors, il-Qorti ezaminat ukoll dak li gie esebit mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet bin-

numru 1895/2018LM. Gie esebit id-digriet finali tal-11 ta’ Diċembru 2018 waqt is-seduta tas-17 ta’ Diċembru 2018. Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita mill-kontenut ta’ dak id-digriet u li minnu jirrisultalha s-segwenti. Fir-risposta tal-konjugi Costigan ghal dak ir-rikors, f’ebda hin ma ssollevaw dak li qed jissollevaw issa fir-risposta taghhom ghal dan ir-Rikors u dan minkejja li giet presentata fit-28 ta’ Novembru 2018, u cioe` fl-istess gurnata, tal-mandat ta’ sekwestru mertu ta’ dan ir-Rikors u kif ukoll tar-risposta guramentata flimkien mal-kontro-talba fil-Kawza istitwita mis-Socjeta` Attrici kontra l-konjugi Costigan.

Kif accennat aktar ‘l fuq dan, ma jfissirx li ai fini tal-mandat ma rrisultax lil din il-Qorti, li l-Konjugi Costigan xorta ma ghandhomx *prima facie* pretensjonijiet x’jikkawtelaw fid-dawl tal-kontra talba fuq imsemmija. Li rrizulta lil din il-Qorti huwa, li ai fini biss ghall-kisba tal-hrug tal-mandat ta’ sekwestru mertu ta’ dawn il-proceduri, l-ammont li l-konjugi Costigan qeghdin jippretendu li jkun ikkawtelat huwa eccessiv. Ghalhekk ser tkun qeghdha tirriducih ghall-ammont ta’ hamsa u tletin elf ewro (€35,000).

Wara li kellha opportunita’ tisma’ lill-partijiet, il-Qorti thoss, li fic-cirkostanzi, l-konjugi Costigan ghandhom ukoll jipprovdu garanzija xierqa biex taghmel ghad-danni li tista’ issofri s-Socjeta` Attrici jekk ikun il-kaz. Danni ai fini ta’ dan il-mandat u mhux ghal danni li jistghu jigu riskontrati fil-kawza propja, li

kif fuq spjegat tohloq okkazjoni biex il-Qorti tkun tista' tapprofondixxi aktar il-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet.

**Provvediment**

Ghadaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Qorti qedgha tipprovdi dwar ir-rikors bil-mod segwenti:-

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba** billi wara li rat l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta qed tirriduci l-ammont kawtelat permezz tal-mandat ta' sekwestru numru *1927/18 fl-ismijiet Matthew Charles Costigan (I.D. 219987M ) u martu Maria Costigan (I.D 104727A) -vs- Western Company Limited (C19994)* minn mitt elf ewro (€100,000) ghal hamsa u tletin elf ewro (€35,000).

**Tichad it-tieni talba** peress li ma irrisultawx lil din il-Qorti l-estremi tal-ligi fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artiklu 836(8)(b),(c) u (d) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

**Tilqa t-tielet talba**, u wara li rat l-artiklu 838A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta , tordna lill-konjugi Costigan, sabiex mhux aktar tard mill-20 ta' Jannar, 2019 igibu garanzija xierqa konsistenti fi flus likwidi jew permezz ta' garanzija bankarja fl-ammont ta' tnax-il elf Ewro (€12,000), li titqieghed f'idejn ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex taghmel tajjeb ghad-danni li

tista' ssofri s-Socjeta` Attrici jekk ikun il-kaz, skont l-ezitu tal-kawza fil-mertu. Jekk din il-garanzija ma tingiebx fiz-zmien moghti lill-konjugi Costigan, il-mandat mertu ta' dawn il-proceduri ma ghandux jibqa' fis-sehh.

Spejjes ta' din il-procedura riservati ghall-gudizzju finali.

**Moghti kameralment illum, 20 ta' Dicembru, 2018.**

**Imhallef Toni Abela**